MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Numru. 448/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**KONTRA**

**Abel Joseph Aquilina, iben Manuel u Naomi nee' Mizzi, imwieled tal-Pieta' nhar il-05.03.1988, residenti fil-fond numru 4, Waterloo, Flat 1, Triq San Edwardu, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 133688M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Abel Joseph Aquilina** li gie akkuzat talli:

- F'dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' April, 2008, f'Bugibba, San Pawl il-Bahar, bejn il-20.00hrs u 23.00hrs ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip

Chircop skont ma ccertifikah Dr Rene Camilleri MD Reg No 3025 ta' Mater Dei Hospital Casualty Department (Ch 9 Section 216).

Rat illi moqrija l-istess, l-imputat kien wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jitmexxew bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi l-imputat ta l-kunsens tieghu dwar l-istess proceduri.

Xehed Dr Rene Camilleri dwar ceritifikat minnu mahrug fil-konfront ta' Philip Chircop. Qal illi dan kien qieged ibati minn feriti fuq in-naha ta' wara tax-xellug ta' rasu u quddiem ta' genbu. Kellu wkoll diversi abrazjonijiet fuq idu x-xellugija. Anke qal illi gie suturat. Ikkonkluda li l-griehi sofferti kienu ta' natura gravi, Dok RC folio 10.

Gie f'dan il-konfront gie mahtur mill-Qorti Dr Mario Scerri li rrelata hekk: (Dok MS folio 73):

*"Wara li l-esponent acceda l-ispizerija D'Argens fejn hemm huwa ezamina lil Philip Chircop, ikkonkluda:*

*Illi c-cikatrici deskritta fuq l-aspett anterjuri tal-mohh (forehead) li testendi ghal fuq in-naha tal-lemin kienet rizultat ta' lacerazzjoni li kienet giet suturata u li kienet kagunata minn blunt trauma;*

*Illi l-lacerazzjoni deskritta fuq il-parieto-occipital region tax-xellug kienet rizultat ta' lacerazzjoni li kienet giet suturata u li giet maghmula minn blunt trauma;*

*Illi c-cikatrici deskritta fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id ix-xellugija kienet rizultat ta' lacerazzjoni u kompatibbli ma' blunt trauma;*

*Illi l-lezjoni deskritta fuq il-parieto-occipital region tax-xellug hija mghottija bix-xaghar;*

*Illi l-lezjoni deskritta fuq il-mohh tibqa' marka permanenti u sfiguranti fil-wicc u hija vizibbli sew minn talking distance;*

*Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id ix-xellugija tibqa' marka permanenti vizibbli minn talking distance."*

Xehed ghalhekk il-ferut Philip Chircop. Qal illi kienu l-Freeze Club. Qal illi ghadda certu wiehed Abel li hu ma kinx jaf, hlief li qabel kien johrog mat-tfajla tieghu, hafna zmien qabel. Qal illi lilu ghaddielu kumment, ma tax kaz u minn hemm marru jieklu burger. Qal illi mar ikellmu l-imputat u li kien hawn illi tah daqqa ta' flixkun. L-ewwel wahda. Hawn intefa' mal-art u qala' daqqa ohra, fejn kellhom anke isirulu l-punti. Qam u marru l-pulizija. Haduh l-isptar bl-ambulanza u zammewh.
Mistoqsi x'qallu meta mar ikellmu, qal illi ma kinx jiftakar. Jaf biss illi tah daqqa.
Qal illi meta l-imputat mar ikellmu s-Sofra l-attitudni tieghu kienet wahda rrabjata. Qal illi l-Freeze kien ghaddielu kumment, pero hawn kien baqa' miexi l-imputat. Qal illi kien irrabjat u li tah daqqa ta' flixkun tal-Budweiser. Qal illi pero ma kinx jaf it-tieni daqqa min tahielu u li qala' daqqiet ohra ghax kien hemm hafna nies imdawrin mieghu. Kien cert illi qala' minghand aktar minn persuna wahda zgur.

Ezebixxa ritratti u certifikati tad-daqqiet Dok PC folio 30 u Dok PC1.

Indika lill-imputat bhala l-aggressur principali tieghu.

Ic-certifikat minnu ezebit, Dok PC1 jaqra li l-griehi minnu sofferti kienu ta' natura gravi.

Gie anke f'dan il-konfront mahtur Dr Mario Scerri fir-rigward tal-griehi sofferti minn Chircop (ibid).

Xehdet certu Graziella Scerri, qalet illi hi kienet ma' Clayton (l-gharus taghha), Philip, Luke, u Rosanne, u kienu qed jixtru x'jieklu. Rat balla rgiel jiccirkondaw lil

Philip u lil Abel jaghti daqqa ta’ flixkun lil Philip. Dahlet tigri ghal Clayton u meta regghet harget anke rat lil Luke jigi msawwat. Rat illi Philip kien mixhut mal-art bid-demm madwaru, demm hiereg minn imniehru, minn wara rasu fuq il-kappell.

Ikkonfermat li hdejn Freeze hi ma rat ebda glieda. Innegat in kontro ezami li hi rat lil Philip jitfa’ xi birra fuq Abel jew jobzoqlu, jew lil Philip jaghti daqqa ta’ ponn lil Abel fil-gerzuma. Xehdet illi waqt li kienu fil-pjazza Philip ma qallhom li gara xejn. Saret taf dwar l-incident li gara fil-pjazza meta qaltilha l-Ispettura.

Qalet illi fir-restaurant tal-kebabs (Sofra) hi harget tistrieh mal-bieb, b’wiccha ‘l barra. Philip kellu dahru lejha. Abel skondtha tfacca, ghalhekk setghet tara wiccu, kollox skondtha gara in a split of a second, imbaghad marru hafna guvintur, xi ghaxra xehdet. Kompliet illi Abel qabad il-flixkun u ta bih lil Philip, imbaghad Philip spicca ccirkondat. Ma kinitx taf lil Philip min kompla jaghtieh. Kienet certa pero li Abel lil Philip tah daqqa ta’ flixkun tal-birra.

Luke Anthony minn naha tieghu xehed illi ra lil Philip u Abel qishom jitkellmu. Mar hdejhom u staqsiehom x’gara, u dawn wiegbuh xejn. Hawn kienu quddiem Freeze. Rahom jilletikaw hekk, skondtu (folio 55). Qal illi ra lil Clayton - hu Philip, izomm lil Philip lura, u shab Abel izommu lil dan lura. Marru s-Sofra jieklu l-kebabs. Qal illi hu kien bil-qieghda barra hdejn Roxanne u Clayton, mentri Philip u Graziella dahlu jixtru. Qal illi Philip hareg biex jara x’kien ser jiekol u wasal Abel. Iddeskriva li hawn Philip u Abel gew wicc imb’wicc, li f’daqqa wahda nqalghet konfuzjoni. Ra lil Abel jaqbad flixkun tal-Budwieser u jfajjar f’wicc Philip. Imbaghad qabzu ghal fuqu. Qal illi daruh xi tmienja u li bid-daqqiet nizzluh ‘l isfel, li gerrbuh mal-bankina. Kien Clayton li ferraqhom.

In kontro ezami kkonferma li issa Roxanne kienet tohrog ma’ Philip, u li qabel kienet tohrog ma’ Abel. Qal illi wasal ghall-konkluzjoni li l-glieda allura kienet fuq hekk. Qal illi hu ma ra lil hadd hdejn il-Freeze jitfa’ l-birra, jew jobzoq

lejn xi hadd, jew ixarrab bil-birra. Ikkonferma pero li hdejn Freeze kien hemm xi tip ta’ arugment bejn Philip u Abel. Ma rax lil Philip jaghti xi daqqiet lil Abel, ikkonferma li ra biss lil Clayton izomm lil Philip, u shab Abel lilu.

Zied illi meta kienu issa s-Sofra, anke sema’ lil Philip jghid lil Abel “Tibqax sejjer biha.” (folio 65). Baqa’ nsistenti li hu kien ra lil Abel jaghti daqqa ta’ flixkun lil Philip. Mistoqsi kif ra lil Philip jaqla’ daqqa ta’ flixkun meta lilu kienu daruh tmienja minn nies, wiegeb illi dawn ma kinux it-tmienja f’daqqa – iqum u jigi iehor (folio 68).

Minn naha tieghu Clayton Chircop xehed ukoll illi waqt li kienu r-restaurant Sofra, waqt illi hu kien qieghed jistenna l-ikel, sema’ ghajjat u meta hareg barra sab konfuzjoni kbira. Ra grupp ta’ zghazagh imdawrin ma’ Luke u Philip. Qal illi rnexxielu jikkonvinciehom jitiqlu ‘l hemm, u kien hawn illi nduna li huh iz-zghir – Philip, kellu d-dmija ma’ rasu, mimli dmija jghid dan ix-xhud (folio 91).

Ikkonferma li barra Freeze, kien hemm argument verbali ta’ ftit sekondi bejn huh Philip u guvni iehor. Ma semax fuq xiex minhabba l-muzika gholja.

Hdejn Sofra xehed illi hu ra biss lil Luke jaqla’ minn grupp ta’ zghazagh.

In kontro ezami qal illi hu ma kinx staqsa lil huh fuq xiex kien l-argument. Innega li hu ra lil huh jitfa’ xi birra, jobzoq. Lanqas ma ra lil Philip huh jaghti xi daqqa ta’ ponn.

Roxanne Scicluna li wkoll kienet ma’ dan il-grupp li ghadhom kif xehdu, qalet illi waqt li flimkiem ma’ ohrajn hawn fuq imsemmija kienu Sofra, waqt illi hi u Luke baqghu barra, kien hareg minn hemm Philip jistaqsiehom x’kienu ser jieklu. Tghid illi hawn tfacca Abel, anzi rat lil dan Abel jaqsam biex ikellem lil Philip. Tghid illi hawn daru corma ta’ nies ma’ Philip u Abel u li hi ma baqghetx tara lil Luke. Pero xehdet illi meta nfirdet il-folla, rat lil Philip mixhut mal-art bid-demm hiereg minn go rasu.

Dwar id-diskors li ntqal bejn Philip u Abel meta dan qasam, cioe’ Abel qasam, qalet illi Abel beda jargumenta ma’ Philip u dan staqsieh “Ghamiltlek xi haga?”, cioe’ Abel staqsa lil Philip.

PS 214 Luke Bonello prezenta l-PIRS report a folio 112. Dwar dan aktar tard xehed li fejn fir-rapport kien hemm imnizzel “Clayton ra hames guvintur.”, dan kellu jaqra “Philip”. Ikkonferma li dakinhar stess Philip kien qallu li kien qala’ xi daqqiet ta’ flixkun tal-hgieg. Ikkonferma li a tempo vergine Philip Chircop kien qallu li ma kinx jaf min ezattament kien tah fuq rasu bil-flixkun. Dan qalulu fuq il-post.
Qabel ukoll illi kienu regghu kellmu lill-involuti ghat-tieni darba, u hawn Chircop kien qallu li issa kien ra fl-incident lil Abel jersaq lejh, u li kien tah daqqa fuq mohhu bil-flixkun. Qabel dan is-Surgent illi dan Chircop lilu kienu qalulu fit-tieni verzjoni. Qabel ukoll illi fit-tieni verzjoni Philip Chircop identifika lil Abel bhala l-ex boyfriend tat-tfajla tieghu. Qabel ukoll illi lanqas Clayton fil-bidu ma kien qallu li kien Abel li kien ta daqqa lil huh. Is-Surgent wiegeb ukoll illi lilu Luke qatt ma tah spjegazzjoni plawsibbli ta’ kif kien qieghed jigi msawwat minn hafna nies, pero nonostante cio’, xorta rnexxielu jara lil Philip Chircop jaqla’ daqqa ta’ flixkun.

Regghet xehdet in kontro ezami Roxanne Scicluna. Issa spjegat illi bejnha u bejn Philip inqala’ argument ghax hi ma riditx tbusu. Iddeskriviet illi Philip kien irrabjat. Qalet illi hi ma riditx tbusu ghax bdiet tisthi. Qalet illi f’dak i-hin tfacca Abel. Innegat ukoll illi hi rat xi argument fil-pjazza. Ikkonfermat ukoll illi meta Philip hareg mir-restaurant biex jistaqsieha jekk riditx tiekol xi haga, kien bejn 6 – 7 piedi ‘l boghod minnha. Kien hemm anke Abel li mar biex ikellem lil Philip. Ma tifakarx ix-xhud jekk f’idu kellux xi haga. Ziedet illi dak il-hin pero f’idejh ma ratlux flixkun. Ikkonfermat li Abel qal id-diskors “Ghamiltlek xi haga?”, (folio 132). Ikkonfermat ghalhekk illi l-attitudni ta’ Abel fil-konfront ta’ Philip ma kinitx ta’ konfront. Tghid illi la Philip u lanqas Abel ma ghamlu moviment lejn xulxin, pero li resqu corma nies minn faccata. Tghid illi kulhadd beda

jaqbez fuq xulxin. Ma ratx lil Abel jaghti daqqa lil Philip. Eskludiet illi kienu Philip u Abel li qabdu f'xulxin.

Philip Chircop in kontro ezami qal illi hu lil Abel qabel l-incident ma kinx jafu, kien jaf biss li kellu relazzjoni fil-passat mat-tfajla tieghu. Innega li kien hu li kien ta l-mobile number ta' Abel lill-pulizija. Ikkonferma li hu lill-pulizija a tempo vergine kien qallhom li qala' daqqa ta' flixkun, kif ukoll illi darba li hareg mill-isptar lill-pulizija kien qallhom, cioe' individwalizza, lill-imputat bhala dak li tah daqqa minn quddiem.
Qabel allura li hu granet wara l-incident kien qal lill-pulizija min tah daqqa ta' flixkun. Spjega li ma qallhomx lill-pulizija dak il-hin ghax kien mal-art bid-demm. Qal illi bdew ikellmuh shabu u li ma kinx jaf, tant illi anke n-nurse ma kinitx qed tifhmu. Qal illi dak il-hin kien stordut u ma kinx jaf x'qal lill-pulizija.

Qal illi l-argument ma' Roxanne dakinhar inqala' ghaliex l-imputat beda jdur maghhom il-hin kollu, u jipprova jaqla' glieda. Qal illi iggieled ma' Roxanne ghax kelma ggib ohra. Qal illi huma lletikaw minhabba l-imputat.
Qal illi hu lill-pulizija dwar l-ewwel diverbju bejnu u bejn l-imputat, kien qallhom li dan kien tah daqqa fuq spalltu ghax beda jdur maghhom, ihakkek maghhom. Qal illi bejniethom kien hemm kuntatt.

Xehed ukoll l-imputat minn jeddu. Qal illi fil-gurnata tal-incident kien mar Bugibba jiltaqa' ma' shabu. Qal li ltaqa' ma' habib tieghu, u huma u dehlin Freeze hass xi haga xxarrbu go dahru kollu. Dar u ra corma rgiel, u wiehed minnhom indikalu l-agent tal-azzjoni, li qallu "Iva jiena kont, trid tghid xi haga?", (folio 165). Zied illi f'daqqa u l-hin tah daqqa ta' ponn u laqtu fuq ix-xellug ta' wiccu. Qal illi hu dan il-guvni ma kinx jaf min hu. Sar jafu qal gewwa l-Qorti. Qal illi dak il-hin hu baqa' fejn kien ghax ma kinx jaf x'kien qieghed jigri. Zied illi shab dan il-guvni daru anke mieghu, u bdew jimbuttawh 'il boghod minnu ghax hu (l-imputat), kien irrabjat, tant illi anke pprova jerga' anke jmur lejn id-direzzjoni tieghu bis-sahha, tant illi ddeskrivieh li beda qisu qed jigri, pero bdew izommuh shabu. Qal illi anke hareg security mill-istabbiliment u qalllhom biex ma

joqoghdux quddiem l-istess stabbiliment. Ix-xhud qal illi mexa lejn il-Freeze. Qal ukoll illi waqt li kien miexi ghalhekk lejn il-pjazza, issa wahdu, biex jerga’ jiltaqa’ ma’ shabu, rega’ ra lil Chircop ihares lejh u hawn staqsieh x’gara. Dan Chircop skondtu gera, qabez, u tah daqqa ohra, issa laqtu fil-gerzuma, id-daqqa tahielu bil-ponn. Qal illi dak il-hin ma kinx jaf x’inhu jigri, li kien qieghed jibza’, u qatt ma kellu x’jaqsam ma’ hadd. Shabu qalulu biex imur maghhom u jitbieghed mill-pjazza. Qal illi hu dan ma kinx jaf min hu u ghalfejn kien qieghed jaghmillu hekk.

Qal ukoll illi sar jaf min kien dan Chircop mill-Qorti. Xehed ukoll illi flimkien ma’ shabu mar jiekol is-Sofra Kebab House. Hawn waqt illi dahal gewwa fir-restaurant, x’hin kien ser jaqbad l-ghatba, l-istess persuna (ghalina Chircop), jara lil dan hiereg. Hawn staqsieh ghax kien qieghed jaghmillu hekk, u dan wiegbu li kellu jersaq minn nofs inkella kien ser jaghtieh xebgha ohra. Hawn rega’ tah daqqa ta’ ponn ohra, u laqtu issa fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu. Mexa lura, ra hafna nies jiggieldu, u harab lejn il-pjazza. Xehed illi beda jibza’.

Innega li hu qatt ta daqqa ta’ flixkun fuq ras dan l-individwu, anke ghax hu qatt ma kellu flixkun f’idu. Xehed illi qatt ma mess lil hadd minnhom. Qal illi ddecieda li jaqbad taxi u mar lejn id-dar. Qal ukoll illi hu sar jaf li dan kien qieghed johrog mat-tfajla li darba kien maghha hu, cioe’ Roxanne.
In kontro ezami xehed illi ma kinx jaf li dan kien qieghed johrog ma’ Roxanne, u li din ma rahix waqt l-incident.

Ikkonferma li hu qatt ma kien iggieled qabel, u li dahal gol-hanut Sofra ghax ma rax min kien hemm gewwa. Xehed ukoll illi hu u diehel fil-hanut Sofra, f’idu kien qieghed izomm biss mobile, li ma kellu ebda flixkun. Insista li kien imbezza’ minn Chircop.

Qal illi nonostante n-numru ta’ daqqiet li qala’, dawn taghhom m’ghamilx certifikat ghax ma kellux tbengil jew dmija.

Ingab jixhed in difesa wkoll certu Keith Attard. Dan kien jaf lilll-imputat meta dan tmienja jew disa’ snin qabel kien johrog ma’ ohtu. Kienu jahdmu flimkien l-HSBC.

Dwar dak li okkorra fl-incident, qal illi kien flimkien ma’ shabu u l-imputat Bugibba, iltaqghu fil-pjazza. Qal illi kienu ser imorru jiehdu drink, u Abel mexa qablu. Hu kien miexi naqra distanza warajh. Huma u dehlin il-Freeze, kien hemm mejda rgiel u qam wiehed minn dawn, hareg quddiem ix-xhud, gholla flixkun birra go halqu u bezqu go dar dan Abel. Abel skondtu dar mahsud. Dan Philip mar jigri fuqu u qallu li hu kien li ghamillu hekk, u jekk ridx xi haga. Iddeskriva lil Abel bhala mbezza’.

Xehed ukoll illi dan Philip lil Abel anke tah daqqa ta’ ponn u laqtu f’wiccu. Dan ix-xhud irritjena li anke hu kien imbezza’, pero anke li ma kinx jaf ghala dan lil Abel ghamillu hekk. Zied illi shab dan li kienu mieghu mal-mejda bdew izommuh ghax kien jidher irrabjat ma’ Abel, li bdew jigbduh lura. Zied illi hu dakinhar lil Abel ma regax rah.

Aktar tard, mentri kien fil-pjazza ma’ shabu, ra lil wiehed minn dawk li kienu ma’ Philip jinzel jigri rrabjat jghajjat bi flixkun f’idejh.

Gie mitlub u gie redatt ghalhekk Social Inquiry Report, Dok DF folio 185.

Minn naha taghha l-Ispettur Therese Sciberras xehdet fuq l-investigazzjonijiet taghha. Qalet illi meta gew mitkellma l-hbieb ta’ Philip hadd ma kien jaf kif kien wegga’ dan, pero li kien irrizulta li kien hemm xi tip ta’ argument bejn dan Philip u Abel. Ikkonfermat illi meta l-pulizija waslu fuq il-post, dan Philip, mistoqsi min kien wegghu, ma ppuntax lejn l-imputat.  Ikkonfermat li gie identifikat l-imputat mix-xhieda u Chircop, granet wara l-incident. Qalet ukoll illi meta hi kellmet lil certu Luke fil-presenza ta’ PS 214, innega dan li kien qal li ried ipattieha lill-imputat; u baqa’ ma tax spjegazzjoni kif li skondtu kien qieghed jigi msawwat minn hamsa sat-tmienja minn nies, seta’ jara

min kien sawwat lil Chircop. Qalet ukoll illi mexxew dawn il-proceduri anke fuq li qaltilhom certu Graziella Scerri.

Rat ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat. Semghet ukoll it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju Philip Chircop sofra griehi ta’ natura gravi f’incident li gara gewwa l-pjazza ta’ Bugibba.

Illi kif ben ippuntwalizza l-istess Avukat Difensur kien hemm diversi diskrepanzi.

Fl-ewwel lok jirrizulta li verament ix-xhud principali – il-ferut Philip Chircop, a tempo vergine mitkellem mill-pulizija fuq il-post tal-incident, qatt ma identifika l-aggressur tieghu bhala l-imputat. Dan gara biss granet wara. Japplika dan ukoll ghall-maggoranza tax-xhieda li identifikaw lill-imputat bhala r-responsabbli ghall-griehi li sofra Chircop.

Certu Roxanne Scicluna wkoll ikkonfermat glieda barra s-Sofra, f’din ic-corma kien hemm Philip u Abel, meta nfirdu Philip kien mal-art bid-demm. Ikkonfermat li Abel lil Philip fil-fatt kien staqsieh jekk kinx ghamillu xi haga.

Luke Anthony jikkonferma li Abel u Luke meta gew wicc imb’wicc, f’daqqa wahda nqalghet konfuzjoni.

Kien hemm xhieda li kkonfermaw li fil-fatt kien dan Abel li ta daqqa ta’ flixkun lil Chircop. Aktar tard ikkonfermaw biss li hdejn il-Freeze kien hemm xi tip ta’ argument bejn Chircop u l-imputat.

Jidher illi certament dan l-argument gie ppruvat, wiehed jista’ jipprezumi li dan kien fuq it-tfajla li kellu Chircop li qabel kienet tohrog mal-imputat.

Jirrizulta wkoll ghall-Qorti, ghalkemm Chircop u shabu kienu neganti ghal dan, illi xi tip ta’ provokazzjoni dan Abel sofra minn idejn Chircop, kieku Abel ma kellux ghalfejn

imur jistaqsieh jekk kinx ghamillu xi haga. Jirrizulta wkoll ben pruvat ghall-Qorti, illi Abel kien involut f'xi tip ta' litigju ma' Chircop, ghalkemm hu jrid illi jitwemmen li kien biss vittma!!

Il-Qorti ma tistax pero, in vista' ta' dak li ntqal li kien Abel li ta daqqa ta' flixkun lil Chircop, anke jekk dan kien zgur minnu provokat. Temmen li zgur glieda kien hemm, u fiha kienu nvoluti aktar minn Chircop u Abel, anke jekk inbdiet minn dawn.

Temmen il-Qorti li nqala' diswgid bejn it-tnejn u li gew involuti fil-glieda shabhom, u f'din it-taqtiegha tac-corma wegga' Chircop. Temmen ukoll illi fil-fatt din il-glieda giet provokata minn Chircop minhabba t-tfajla tieghu.

Teskludi pero li din da parti tal-imputat kienet xi legittima difesa, ghax caso mai anke jekk gie pprovokat minn Chircop, mar hu jistaqsieh jekk fil-fatt kinx ghamillu xi haga!!

Jekk ser toqghod il-Qorti fuq dak citat fin-nota mad-Difiza, cioe' dak li qal Lord Justice Widgery fil-kawza R Vs Julien (1969) 1 WLR 839, certament l-imputat ma wrix, kif xtaq jaghti l-impressjoni, li hu ma ridx glied, imma spicca nvolut anke fic-corma. Inizzjalment seta' kien mahsud jekk ser jitwemmen li gie mxarrab bil-birra; pero anke jekk ma ridx jiggieled, ikkonfronta lil Chircop.

Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli Avukat Difensur accenna wkoll ghad-difiza tar-rissa. L-Artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitkellem dwar glieda li tinqala' bi zball jew b'accident; ghalkemm rissa nqalghet, zgur pero xejn mill-provi ma kienu jindikaw li din kienet frott ta' zball jew incident, anzi fil-fehma tal-Qorti glieda rizultanti minn element ta' provokazzjoni u biex wiehed jiehu s-sodisfazzjon.

Lanqas pero ma hi lesta l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' provokazzjoni taht l-Artikolu 237(c), dik tal-passjoni instantanja, jew agitazzjoni tal-mohh, ghaliex diversi xhieda raw lil Chircop u Abel jinfaccaw lil xulxin, hin wara

li dan xarrbu bil-birra. Seta' Abel verament harab il-provokazzjoni diretta lejh kieku verament ried.

Il-Qorti tista' biss mill-provi prodotti tqis illi Abel flimkien ma' ohrajn kien kompartecipi fi glieda li wasslet biex Chircop isofri l-griehi deskritti, kif fi kliem Roxanne Scicluna, dawn gew wicc imb'wicc. F'daqqa wahda nqalghet konfuzjoni, u meta nfirdu rat lil Philip mixhut mal-art bid-demm.

In vista' ta' hekk, din il-Qorti ssib htija tal-akkuzi kif migjuba u dan wara li rat l-Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
In vista' tac-cirkostanzi tal-kaz, qieghda tikkundanna lil Abel Aquilina ghal piena karcerarja ta' sena u nofs sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-eta' tal-imputat, il-fedina penali tieghu, u dak illi rrizulta dwaru mill-istess Social Inquiry Report;
Rat ukoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda bl-applikazzjoni tieghu nnifsu ta' €2,000, torbot lil Abel Aquiliuna milli b'xi mod jivvessa jew idejjaq lil Philip Chircop, u dan ghal zmien sena(1) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------